**28 ta' April, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D.**

Peter Said

*versus*

Joseph Gauci

**Depożitu – Depożitarju – Grad ta' Diliġenza ta' – *Bonus Paterfamilias* – *Culpa* – *Culpa Levissima***

*Id-depożitarju għandu jieħu ħsieb tal-ħaġa taħt depożitu daqs kemm ta' l-oġġetti fil-kustodja tiegħu. Għandu l-obbligu li jieħu kura ta' l-oġġetti b'diliġenza għala imma mhux ilment li jwieġeb ukoll għal kull negliġenza tkun hemm tkun żgħira.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li l-konvenut kellu jikkonsenja arnes u serkin ta' proprjetà ta' l-attur liema serkin u arnes baqgħu għandu;

Premess li fid-durata tal-pussess għandu dawn l-oġġetti ddeterjoraw u ma baqgħux fl-istat pristinu tagħhom minħabba imprudenza traskuraġni u nuqqas tal-konvenut u minħabba f'hekk l-attur sofra danni kif anke jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Talab l-attur:

1. Li l-konvenut jiġi ddikjarat minn dina l-Qorti, responsabbli tad-danni sofferti mill-attur fl-imsemmija arnes u serkin minħabba imprudenza, traskuraġni u nuqqas da parti tal-konvenut kif fuq ingħad;

2. Jiġu llikwidati dawn id-danni okkorrendo permezz ta' espert ossija perit innominat minn din il-Qorti u;

3. Il-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attur dik is-somma relattivament għal dawn id-danni kif tistabbilixxi din il-Qorti;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li huwa ma kkaġuna ebda danni la fl-arnes u lanqas fis-serkin;

2. B'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-lista tax-xhieda tagħhom;

Eżaminat l-atti kollha tal-kawża u senjatament ir-relazzjoni peritali u n-nota ta' l-attur;

Ittrattata *l-kawża mid-difensuri* tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi l-fatti li taw lok għal dina l-kawża kienu dawn: Fil-mori ta' kawża oħra bejn il-kontendenti u sabiex jiġu evitati spejjeż addizzjonali, intlaħaq ftehim biex l-oġġetti li dwarhom saret il-kawża jinżammu mill-konvenut – fejn diġà *kienu jinsabu* – *minflok jitqabbad konsenjatarju*. Il-kawża l-oħra spiċċat. Meta l-attur mar għall-oġġetti tiegħu sab li dawn iddeterjoraw f'dak li huwa stat u kundizzjoni tagħhom. L-oġġetti prinċipalment kienu jikkonsistu f'serkin, arness u l-aċċessorji l-oħra. Saret din il-kawża;

Kif tajjeb irrelata l-perit legali l-figura tal-konvenut kienet dik ta' depożitarju li skond il-liġi ċivili nostrali, għandu jieħu ħsieb tal-ħaġa taħt depożitu daqs kemm jieħu ta' l-oġġetti fil-kustodja tiegħu. Barra minn dan, il-konvenut *qua* depożitarju li offra ruħu huwa nnifsu biex iżomm l-oġġetti fil-mori tal-kawża, kellu l-obbligu ta' *bonus pater familias* li jieħu kura ta' l-oġġetti b'diliġenza ogħla, imma mhux talment li jwieġeb ukoll għal kull *negliġenza tkun kemm tkun żgħira*, kif ikkontemplat l-art. 2002(1)(a). Dana peress illi f'dan il-każ ma jirriżultax li kien ġie miftiehem espressament li l-konvenut, bħala depożitarju, kellu jwieġeb għal kull negliġenza;

Il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet peritali – u ma tilqax għalhekk is-sottomissjonijiet finali ta' l-attur skond in-nota tiegħu

dwar ir-relazzjoni – li l-konvenut huwa responsabbli għad-deterjorament ta' wħud mill-affarijiet in kwistjoni, però mhux għall-ħwejjeġ kollha. Dwar id-danni realment ikkaġonati lill-attur b'riżultat tan-negliġenza tal-konvenut, il-Qorti tagħmel riferenza sħiħa għar-rapport tal-periti a fol. 11 – 14, paragrafu 25 sa paragrafu 29 li tikkondividi pjenament u, a skans ta' ripetizzjoni għandhom jitqiesu u jittieħdu bħala formanti parti integrali mill-korp ta' dina d-deċiżjoni. Għalhekk id-danni totali sofferti mill-attur għar-rimpjazzament ta' l-arnes u l-martingana jammontaw għal mitt lira Maltija (Lm100) – b'dan li l-konvenut irid inoltre jikkonsenja lill-attur is-serkin fl-istat attwali bid-dritt li l-konvenut iżomm l-arnes;

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċidi l-kawża billi filwaqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi limitatament però għall-arnes u martingana u mhux ukoll tas-serkin u li għandu jingħata lura lill-attur fl-istat attwali u b'dan li għall-fini tat-tieni talba tillikwida d-danni ta' l-attur riferibbilment għall-ħlas ta' serkin u martingana, fl-ammont ta' mitt lira Maltija (Lm100) li għandhom jitħallsu mill-konvenut lill-attur. *In vista* tas-suespost ikun xieraq ukoll li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjeż – dan għalhekk għandu jinqasam nofs bin-nofs (50:50) bejn il-kontendenti b'dana però li d-dritt tar-reġistru għandu jkun a kariku tal-konvenut unikament.